# IX-XALATA TA' HEBRON

(*Torbot mal-għadd ta' qabel*)

Min bena dan il-bini, ħadd ma jaf sewwa. Hemm min jgħid li bnieħ Herodos il-Kbir biex jinħabb mal-Lhud. Jista' jkun.

Meta sħâbna ħarġu mill-Haram, ġie magħhom żagħżugħ Għarbi mill-Masar u ħâdna ndûru dawra mal-belt. L-ewwel ma ħâdna naraw Birekt is-sultân, li hi menqa kbira mimlija bl-ilma. Kienu jgħumu fiha xi erba' subjien kbajrin, tnejn kienu sewwa fejn waqafna aħna. Il-wieħed liebes naqra ta' sirwal u l-ieħor liebes il-libsa ta' Adam qabel ma dineb. Dal-aħħar sies warajna biex nixħtulu girx fil-menqa biex narawh jogħdos iġibu.

Wara morna naraw is-suq. Triq dejqa maħmuġa, imsaqqfa bil-biċċiet tax-xkejjer qodma biex jagħmlu d-dell. Il-bini mżakkar, mirfud b'xi għuda minn ħajt għall-ieħor li jewilla ma jaqâx. U dawk ħwienet! Daħla żgħira mudlâma; ġewwa u barra mill-bieb għarma sniedaq u qfief mimlija bil-ħwejjeġ għal biegħ. Ġewwa u f'nofs dawna l-qfief u sniedaq, sîd il-ħanut bil-qegħda jdaħħan in-nargila.

Aktarx li kull ħanut fih ġens wieħed ta' ħwejjeġ għal biegħ. Tal-ħaxîx ikollu għal biegħ ħjâr tadam, bittinġan, bamja, faqqûs (5), qara', basal, qaqoċċ, u dan. Tan-niexef ikollu: ful, hemmes, qanneb, lubja, odra, borgol, snâber (6), ross u hekk. Ieħor ibiegħ żmâmar, turbakkiet, xi xebbieba (7) u ħwejjeġ bħal dawn. U naħseb biż-żejjed, għax jekk ngħidu x'kellhom il-ħwienet tal-ħġieġ, tal-ħwejjeġ u tal-ikel, il-qali jiġina ogħla mill-ħut, għax ikollna nfissru kollox kelma b'kelma.

Tlaqna mis-suq u għaddejna Hâret il-Qażżażin, jiġifieri l-Hâra ta' dawk li jagħmlu l-ħġieġ (8). Il-Masri li kien magħna mar isejjaħ lil wieħed tal-ħġieġ ħalli jurina l-ħanut tax-xogħol. Xortina kienet ħażina għax dik inhar ma kienux jaħdmu; daqs kemm kont nixtieq narahom jagħmlu l-ħġieġ! Ġie mela wieħed u fetħilna l-bieb ta' fejn jaħdem u dħalna ġewwa dar kbira kollha mdaħħna u f'nofsha kien hemm kenur kbir mibni bħal girna żgħira b'erba' toqob fil-qiegħ qisha xi gorboġ tal-fniek. Ġewwa din ikebbes in-nar u jdewweb ir-ramel biex jagħmlu ħġieġ. Fl-art kien hemm xi erba' msierek tal-ħadid li jonfħu bihom il-ħġieġ u gozz "asâwer" (9) tal-ħġieġ u tfiefes oħra. F'rokna kien hemm xi erba' xkejjer mimlija bir-ramel u żrâr, li jagħmlu minnu l-ħġieġ. Senduq kbir kien mimli bil-kwies imdaqqsin biż-żaqq ħoxna u bla qiegħ, bħal dawk li jbiegħu fihom l-ilma zahar il-Għarab hawn Malta. Sid il-ħanut qalilna li dawk kienu mħejjin għal Għid li kien għoddu wasal biex ibiegħuhom lit-tfal u jimlewhom bl-ilma u ż-żokkor u jixħtu fihom "duda" u l-ilma jsir aħmar jew aħdar jew ikħal jew isfar, kif tkun id-"duda" (10). Fuq għuda mimduda fuq żewġ bramel kien hemm qatiegħ klieb żgħar u żibeġ u għajjun u ħnienaq u ħwietem u ma nafx kemm ħwejjeġ oħra, kollha magħmula mill-ħġieġ. Rajna kemm ridna u ħriġna 'l barra.

Morna Hâret il-Għakkabîn, jiġifieri l-ħâra ta' dawk li jagħmlu ż-żquq li jġorru fihom l-ilma. Dħalna f'dar fejn kien hemm kotra kbira ta' ġlud tal-mogħoż u l-Għarab kienu jimlew dawn il-ġlud bil-qxur tal-ballut; imbagħad jeħduhom inixxfuhom fuq bejt, fuq ħsajjar tat-tiben.

Wasalna fejn kienu l-motors jistennewna. L-imgħallem ħallas lil Masri li kien ġie magħna u tlaqna. Wara mixja qasira ġejna fejn kien hemm ġnien b'siġar tal-ħarrub tal-ballût u tas-snuber, u billi l-bieb wiesa' dħalna bil-motors ġewwa. Inżilna u ħarisna ma dwarna. Hemm siġra kbira tal-ballût, niexfa, donnha mejta għal kollox, jekk mhix mejta tas-sew. Hija mdawra b'ħajt u fih imwaħħal il-ħadid biex ħadd ma jersaq lejha. Imdendla magħha kien hemm xbieha ta' xi qaddisin. Taħt din il-balluta jingħad li sidtna Marija għaddiet l-ewwel lejl tal-ħarba tagħha għal Masar. U tas-sew minn Betlehem sa hawn naħseb ma hawnx aktar minn xi nhar mixi.

Imbagħad morna naraw il-knisja Griega, li kienet tinsab hawn. Tlajna minn mogħdija dejqa, ilwejna lejn ixxellug, u wasalna ħdejn bini kbir abjad. Ġiet tiftħilna mara xiħa. L-imgħallem mar ikellimha imma hi ma fehmitux u waqt li messet widintha q a l t l u : "Ana tarxa! "Ma b'ismagħx!"

Fetħet u dħalna. Kienet knisja kbira Griega, imbajda bil-ġir daqsxejn lewn kaħlani; bla ebda żina. Ma fiha għajr il-meħtieġ: l-artal u x'erba' xbiehat miżbugħin fuq il-għuda. Hemm manbar ħelu. Niftakar fih, għax hemm xbieha ta' Madonna bit-Tifel fuq drieghħa b'idu merfugħa 'l fuq donnu qiegħed jgħajjat lil xi ħadd mill-bgħid. Il-mara li kienet hemm ġiegħlitna aktar nidħku milli nħarsu billi kienet kull ħaġa li tgħid tgħajjat kemm tiflaħ u xxejjer idejha. Mgħallimna, ftit trux ukoll; u biex ikellimha kien jgħajat bħalha. Ittnejn jgħajjtu u l-knisja billi fiergħa, tidwi magħhom!

Rajna l-knisja u nżilna. L-imgħallem qal lix-xiħa li kien bi ħsiebna noqogħdu nieklu hemm taħt is-siġar. Għalhekk hi bagħtet qaddej Għarbi b'żewġ ħsajjar biex nifirxuhom fl-art, taħt iż-żnuber u noqogħdu fuqhom; bagħtet ukoll satal ilma nadif. Frixna l-ħsajjar, ġibna s-sniedaq u l-bxiekel u ħejjejna kollox. Għedna ta' nofs inhar u mbagħad ħsibna għal "anima vegetativa" tagħna.

Wara li kilna u qagħdna nitħaddtu ftit, irkibna l-motors u ħriġna. Għaddejna minn toroq għariba u wasalna f'naħa fejn hemm għadd kbir ta' siġar xjuh għall-aħħar imħawla bis-sengħa, li minn kull fejn tħares lejhom tarahom sarbut-sarbut. Wara ftit wasalna Bejt-Ġibrin.

Bejt Ġibrin hija belt qadima b'qatiegħ ġrajja sbieħ u koroħ, minn qabel ma twieled Kristu sal-lum. Fuqha ma ngħidu xejn ħlief in-naqra li rajna. Dil-belt, jew raħal, għax fiha ftit fuq l-elf ruħ, hi mibnija fuq ir-riħ ta' wied sabiħ, kollu siġar tażżebbuġ imħawwel xi elf u ħames mitt sena ilu. Id-djar mibnija b'ħaġar imdaqqas, u fost il-ħaġar tidher 'l hawn u 'l hemm xi biċċa kolonna. Dal-ħaġar kollu meħud mit-tiġrif ta' djar oħra qodma. Għerien u taħfir fil-belt kull fejn iddawwar wiċċek.

Wieħed Għarbi fetħilna dar biex jurina l-możajk li kienu sabu hemm ftit qabel. Sabiħ wisq. Hemm xbihat ta' tjur u għasafar u tal-erbat iżmna

tas-sena: xhieha t'erba' nisa f'idejhom il-għeliema tar-rebbiegħa, sajf, ħarifa u xitwa.

Hemm wisq ħwejjeġ oħra x'tara f'Bejt Ġibrin, imma dik inhar ma rajnihomx għax kienu fil-bgħid u ma ridniex indumu. Għalhekk irkibna u soqna għal Bejt Iġmal.

Fit-triq aħna u sejrin intlifna. Dak tagħwiġ ta' toroq! Ma nafx kemm il-darba kellna nerġgħu lura. Imma fl-aħħar wasalna Bejt Iġmal. X'fiha bejt Iġmal? Hemm dejr kbir u ma dwaru qatiegħ ġonna u raba. Jgħamlu minnu l-qassisin Salesjani Taljani. Għandhom hemm mal-erbgħin sabi jgħallmuhom jaqraw u jiktbu xi ftit, bil-Għarbi u bit-Taljan u s-sengħa tal-bjiedja.

Kien hemm Abuna Butros, (11) qassis Għarbi, minn tagħna għall-aħħar, li ġebilna xi ikel u nbit qadim milli jagħmlu huma. Kellna nieklu u nixorbu minnkejja fina. Imbagħad tellagħna fuq il-bejt jurina l-ġonna tagħhom, u niżżilna naraw il-qabar li huma jgħidu li hu ta' san Stiefnu. (12) Wara dan, irridu u ma rridux, ħadna nixorbu l-kafè. Iżżejnieh ħajr u tlaqna.

Għaddejna minn ħdejn Għajn Xemx; inżilna Wad is-Sarar; ġbidna għal Għar Tuf; infidna Bab il-Wad u qbadna triq Ġerusalem. Wasalna wara xi siegħa triq, qawwijin sħaħ, ħenjin, infaħħru mgħallimna u x-Xalata ta' Hebron.

ELSIE

(5) *Bittinġân* huwa brunġiel, itwal u irqaq minn ta' Malta; *bâmja* tkun bħal imżiewed żgħar, jgħalluhom u jħawwruhom biz-zalza tat-tadâm. Bit-Taljan jgħidulhom *corni Greci*. Ma hawnx bħalhom Malta. *Faqqûs* ikun donnu ħjâr; irqaq mil-ħjâr ta' Malta, bis-suf, u twil ħafna; drabi mgħawweġ donnu sriep. Anqas dan ma jidher Malta.

(6) *Hemmes*: ċiċri; *lubja*, Fażôla. *Odra*, qaraboċċ; *borgol*, qamħ imherreż; *snâber* prinjoli.

(7) *Turbakka* tkun bħal żir bla widnejn u bla qiegħ; flok il-qiegħ ikollha ġilda niexfa mixduda; idoqquha b'subgħajhom, fuq il-ġilda, bħal tanbur. *Xebbieba*, żummara b'żewġ qasab, waħda twila oħra qasira, idoqquha l-aktar fil-għorsien.

(8) Bil-Palestini, *ħġieġ*, jgħidulu *qażâż*; hemm ukoll xi ftit nies jgħidulu *żuġâġ*. "Waħħalt il-ħġieġ fit-tieqa," jgħiduha: "Qażżiżt it-tâqa".

(9) *Asâwer*, jiġifieri brazzuletti, tal-ħġieġ. Il-bniet u n-nisa tal-Palestina jħobbu jilbsuhom ħafna. U għandu jkun mill-antik nett, għax fil-ħireb tar-rħula l-qodma, fl-art, ma tarax ħlief frak u bċejjeċ tal-asâwar.

(10) *Dûda*, qaluli li jkun bħal trab. Qaluli biss, għax qatt ma seħħli nara bħalu.

(11) Abûna Butros kien ħabib tas-sur Fons Marija Galea ta' Tas-Sliema. Dik inhar uriena xi kotba bil-Malti li kien bagħthomlu s-sur Fons.

(12) Dal-qabar rajtu xi tliet darbiet. Ma donnux qabar Lhudi. Imħaffer fil-qiegħa tal-blat, m'hux fil-wieqaf. Fuqu fl-antik kien hemm xi bini, bil-qiegħa miksija bil-mużajk, li aktarx kienet knisja tas-seklu Ħamsa. Is-Salżejani jaħsbu li hemmhekk kien ir-raħal ta' Kafar-Gamâl, fejn s-sena 415 il-qassis Luċjanu sab il-qabar ta' san Stiefnu u sħabu. Is-Sależjani bnew knisja ġdida fuq is-sisien tal-qadima.

# *Kliem ta' Gaħan*

Wieħed raġel mar għand Ġaħan u qallu: "Ġaħan, ħadt riħ f'għajni tal lemin u qegħda tuġagħni; tgħid x'nagħmel biex l-uġiegħ jgħaddili?"

Qabeż Ġaħan u qallu: "Il-ġimgħa l-oħra qabdet tuġagħni darsa u biex l-uġiegħ għaddili, qlajtha. Għax ma tagħmelx hekk int ukoll, taqla' għajnek, biex ma tibqax tuġgħek?